**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR.IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2023**

**Att ta' Akkuża Nru. 12/2020**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Fabian Catania**

Il-Qorti,

**1.**Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-akkużat Fabian Catania detentur tal-karta ta'l-identita' numru 0544275M akkużat:

**Fl-Ewwel Kap,** talli assoċja ruħu flimkien u ma persuna jew persuni oħra f'Malta sabiex ibiegħu jew jitraffikaw id-droga Cannabis f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;

**Fit-Tieni Kap**, talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-gvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli, u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**Fit-Tielet Kap**, talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-gvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli;

**2**. Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat fit-12 ta' Frar 2021.

**3.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Mejju 2022 fejn ċaħħdet l-eċċezzjonijiet preliminari kollha sollevati mill-appellant Fabian Catania.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell ippreżentat mill-akkużat Fabian Catania fl-24 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkużat, tordna l-

korreżżjonijiet opportuni fl-Att ta'l-Akkuża u tgħaddi sabiex tagħti d-direttivi opportuni ta'l-artikolu 499(6) tal-Kodiċi Kriminali.

**5**. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ippreżentata fl-20 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha talab illi l-appell għandu jkun miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza.

**7**. Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**,

**8**. Illi l-aggravji imressqa mill-appellant ifittxu biex jattakkaw id-deċiżjoni ta'l-Qorti Kriminali fir-rigward ta' kull eċċezzjoni minnu mqanqla fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet tiegħu u dan għaliex ħassu aggravat bil-fatt illi dawn kollha kienu miċħuda. Irid jingħad mill-bidunett illi l-Qorti Kriminali waslet għad-deċiżjoni tagħha fuq konsiderazzjonijiet dettaljati u eruditi imsejsa fuq il-ġurisprudenza in materja dwar kull eċċezzjoni imqanqla. L-appellant jindika madanakollu illi huwa xortawaħda ħassu aggravat bis-sentenza appellata u jindika fir-rigward ta' kull eċċezzjoni l-lanjanza tiegħu fil-konfront tal-konsiderazzjonijiet li wasslu lil Qorti Kriminali għad-deċiżjoni tagħha. Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina serjatim l-aggravvji imqanqla mill-appellant.

**A. <u>In-nullita ta'l-Att ta'l-Akkuża fir-rigward tal-parti narrattiva ta'l-istess</u>**

**9**. Illi din l-impunjattiva diretta lejn il-validita' ta'l-Att ta'l-Akkuża hija waħda li titqajjem kostantament u ripetutament mill-persuna akkużata. Dan għaliex l-ewwel darba li l-ġurija tiġi wiċċ imb'wiċċ mal-fatti tal-każ, li trid finalment tiddeċiedi dwarhom, huwa meta fil-ftuħ taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri l-Att ta'l-Akkuża, kif redatta mill-Avukat Ġenerali, tiġi moqrija mid-deputat reġistratur tal-Qorti Kriminali. Sa dak il-

mument il-ġurija tkun għal kollox sajma minn kwalsiasi tagħrif jew informazzjoni dwar l-każ li jkun ser jinstema'. Illi fil-parti narrattiva tagħha l-Att ta'l-Akkuża jkun fiha rakkont redatt mill-Avukat Ġenerali dwar dak li jidhirlu huma l-fattispeċje tal-każ. Fatti li l-Avukat Ġenerali ma jistax joħloq minn żniedu jew jivvinta, iżda huma fatti li jridu jemerġu mill-provi kkumpilati matul l-istruzzjoni tal-każ fil-kumpilazzjoni li tkun saret quddiem il-Qorti Istruttorja. Ukoll minn dawk il-fatti imbagħad irid jemerġi r-reat li bih l-Avukat Ġenerali jixli lill-persuna akkużata fil-parti akkużatorja.

**10**. Illi l-liġi ma tindikax il-mod kif l-Avukat Ġenerali għandu iħejji l-parti narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża, bl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm jindika illi fl-Att ta'l-Akkuża għandu jkun mfisser *"il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien mac- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena",* madanakollu jħalli fid-diskrezzjoni tal-Prosekutur dwar il-mod kif tiġi redatta din in-narrazzjoni. Dan ifisser allura illi l-Qorti ma tistax issib xi nullita' fejn il-liġi ma tipprovdiex dwar l-istess, u għalkemm l-Avukat Ġenerali għandu jfittex li jkun kliniku u imparzjali f'din in-narrazzjoni mingħajr ma jara illi joħloq xi dramatiżazzjoni żejda, bħallikieku wiehed qisu qed jaqra xi novella, madanakollu ġaldarba ir-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi huma sodisfatti, ebda nullita' ma tista tkun riskontrata.

**11**. Illi sa mill-istadji inizjali tal-ġuri, imbagħad kemm l-Imħallef togat, kif ukoll l-Avukat Ġenerali stess fir-Rekwiżitorja tiegħu, minnufih javzaw lil ġurati illi dak rakkontat f'din il-parti narrattiva ma jikkostitwixxi ebda prova fil-konfront tal-persuna akkużata fejn jiġi lilhom spjegat dak li trid il-liġi meta l-Avukat Ġenerali jiġi biex iħejji l-Att ta'l-Akkuża u x'inhu l-kompitu tagħhom bħala imħallfin tal-fatt. Illi għalhekk din il-Qorti taqbel għal kollox mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali meta din iddeċidiet:

> **5. Il-kontenut narrativ tal-Att ta' Akkuża ma jorbotx lill-ġurati. Dan l-Att iservi biex l-akkużat ikun jista' jkollu stampa kemm jista' jkun ċara tal-akkużi li**

**jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrattiva, biex b'hekk huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.**

**6. Minn natura tiegħu, dokument akkużatorju qajla jista' jkun jikkontjeni fatti li jistgħu jitfgħu dawl sabih fuq l-akkużat. Akkuża kriminali, fiha nnifisha, mhix xi ħaġa li tirrifletti pożittivament fuq il-persuna akkużata. Il-kwistjoni kruċjali hija jekk il-fatti ikunux kemm jista' jkun fidili għall-fatti li jemerġu mill-provi prodotti; u b'mod partikolari jekk dawk il-fatti narrati fl-aħħar mill-aħħar jirriflettux fihom l-elementi tar-reat li l-Avukat Ġenerali imbagħad jixli lill-akkużat bihom. Mill-fatti narrati f'dan l-Att tal-Akkuża, din il-Qorti ma tarax li hemm xi fatturi li jistgħu jitqiesu li joħolqu xi preġudizzju partikolari kontra l-akkużat, għajr ħlief, naturalment l-aspett fundamentali ta' kull att akkużatorju li jekk pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi li jitresqu, l-akkużat ikun jista' jiġi misjub ħati tal-istess akkużi. L-anqas tara li kien hemm xi diskrezzjoni li hija mogħtija bil-Liġi lilAvukat Ġenerali u fejn dan allura ma eżerċitax tali diskrezzjoni.**

**7. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-akkużat fejn jattakka l-Att ta' Akkuża għax skontu jixħet dawl ikrah fuqu. Apparti li dan ma jwassalx għan-nullita tal-Att tal-Akkuża, jibqa' l-fatt li dak li huwa determinanti biex l-imħallfin tal-fatt jiddeċiedu fuq il-kolpevolezza o meno tal-akkużat fir-rigward tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, huma l-provi li għad iridu jinstemgħu fl-istadju tal-Ġuri, aktar minn dak li jkun kontenut fil-parti narrativa tal-Att tal-Akkuża**

**12**. L-appellant fl-aggravju minnu ntentat jaqbel illi l-valur probatorju ta' dan l-att ġudizzjarju huwa għal kollox ineżistenti u allura l-Qorti qajla tista' tifhem l-oġġezzjoni imressqa minnu, aktar u aktar għaliex, kuntrarjament għal dak li jsostni fl-aggravju minnu ntentat, dak li jiggwida lil ġurati mhuwiex dak narrat fl-Att ta'l-Akkuza, iżda l-indirizz tal-Imħallef li mill-ftuħ tiegħu minnufih jipprovdi lil ġurati dawk il-linji gwida inizjali dwar il-mod kif għandhom jimxu meta jiġu biex jiġġudikaw dwar il-fatti tal-każ, fatti li, kif kemm il-darba jkun imfisser lilhom, iridu jemerġu biss u unikament mill-provi li ser jinstemgħu matul iċ-ċelebrazzjoni ta'l-istess. Illi allura bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali seta' ma semmiex xi dettall li, fil-fehma tal-appellant, jista' jkun importanti ma jfissirx illi dan ser joħloq xi preġudizzju għalih, u dan meta ser ikun abbilment assistit mid-difensur tiegħu tul is-smigħ tal-ġuri fejn indubbjament ser jindika dawk il-fatti li jidhirlu jistgħu ixaqilbu il-miżien favur tiegħu, u li l-Avukat Ġenerali seta' ma

indikahomx fl-Att ta'l-Akkuża, biex b'hekk id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq żgur li mhux ser jiġi kkalpestat.

**13**. Għal dawn il-motivi, u għal motivi kollha miġjuba mill-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, dan l-aggravju qed ikun miċħud billi ma jirriżultax illi l-Avukat Ġenerali mar kontra d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali f'liema ċirkostanza biss setgħet tirriżulta in-nullita` ta' l-Att ta' l-Akkuża .

**B. <u>In-nullita' tal-prova li saret mill-Prosekuzzjoni permezz tal-hekk imsejħa *controlled delivery*</u>.**

**14**. Illi l-appellant jilmenta illi matul l-investigazzjonijiet marbuta ma' dan il-każ, il-Pulizija utilizżaw dik l-għodda investigattiva imsemmija fl-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' għamlu konsenja ikkontrollata, mingħajr ma kisbu preventivament l-awtorizżazzjoni meħtieġa la mill-Avukat Ġenerali u lanqas mill-Maġistrat. Għalhekk din il-prova hija waħda inammissibbli. Jikkritika s-sentenza appellata fejn din qieset illi l-argument ta' dritt dwar jekk din il-prova saritx skont il-liġi tista' tkun determinata biss matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri mill-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni u allura ma jaqbilx illi dan il-ġudizzju, kuntrarjament għal dak li tikkontendi il-Qorti Kriminali, għandu jsir mill-ġurija popolari billi din hija kwistjoni proċedurali u mhux ta' fatt.

**15**. Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk fuq din l-eċċezzjoni:

> **14. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-Pulizija ddikjaraw li din l-operazzjoni kienet konsenja kontrollata. Mhux kontestat mix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar, l-Ispettur Kevin Pulis kif ukoll l-Uffiċjali tal-Pulizija l-oħra li kienu qegħdin jissorveljaw il-movimenti ta' Hegedus u ta' CATANIA dakinhar tat-30 ta' Ġunju 2018, li l-operazzjoni kollha li seħħet dakinhar filgħodu sa kmieni wara nofsinhar kienet seħħet taħt għajnejn il-Pulizija li**

**kellhom informazzjoni li kien sejjer isir xi negozju ta' droga bl-involviment ta ċertu Tomislav Hegedus. Hegedus kien diġa magħruf mal-Pulizija.**

**15. Dak li din il-Qorti tista' tikkonkludi f'dan l-istadju huwa li l-Pulizija kellha informazzjoni li waslitha biex grazzi għas-sorveljanza li għamlet fil-konfront ta' Tomislav Hegedus, waslithom biex jikxfu episodju ta' traffikar ta' ammont sostanzjali ta' droga cannabis. L-interpretazzjoni ta' f'xiex dik l-informazzjoni kienet tikkonsisti u minfejn inġiebet dik l-informazzjoni hija kwistjoni t'apprezzament ta' fatt li dwaru jkunu jridu jixhdu l-Uffiċjali tal-Pulizija involuti. Stando ma dak li diġa ġie mistqarr minnhom, jirriżulta li huma għamlu użu minn informazzjoni li waslitilhom. Iżda x'kienet preċiżament tikkonsisti dik l-informazzjoni baqa' ma ġiex iċċarat. Ma ingħataw ebda dettalji speċifiċi dwar jekk din l-informazzjoni kienetx speċifika jew ġenerika, jew f'liema stadju l-informazzjoni kienet waslet lil Pulizija. Il-Prosekuzzjoni jinsistu li din ma kienetx konsenja ta' droga kontrollata.**

**16. Dan ifisser li fl-istadju tal-Ġuri, l-Uffiċjali tal-Pulizija jista' jkun li jerġgħu jikkonfermaw li din l-operazzjoni ma kinitx waħda ta' konsenja kontrollata. Iżda mill-banda l-oħra, bħala kwistjoni ta' fatt, jista' jirriżulta wkoll mod ieħor għax fl-aħħar mill-aħħar, ad eżempju, ma ġiex żvelat jekk l-informazzjoni li kellhom il-Pulizija dwar in-negozju tad-droga li kellu jsir kienetx waħda ġenerika jew speċifika, jekk sarux jafu biha qabel ma l-istess konsenja ta' droga cannabis waslet Malta jew wara li din waslet f'Malta minn barra, eċċetra. Dawn huwa kwistjonijiet ta' fatt li jistgħu jemerġu matul il-kors tal-Ġuri.**

**16**. Illi minn dak mistqarr mill-Qorti Kriminali, u minn eżami li l-Qorti għamlet tal-atti kumpilatorji, jidher illi ma huwiex ċar jekk l-operazzjoni li saret mill-Investigaturi kenitx waħda li taqa' taħt id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 30B tal-Kapitolu 101, u kien għal dan il-motiv illi l-Qorti Kriminali ma setatx twarrab din il-prova u tilqa' din l-eċċezzjoni. Dan għaliex kif ġustament minnha deċiż dawn il-fatti jistgħu jemerġu unikament matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u ukoll għaliex f'dan l-istadju kemm il-Qorti Kriminali, u anke din il-Qorti, ma jistgħux jinoltraw ruħhom fl-apprezzament tal-provi li hi manzjoni li titħalla unikament f'idejn il-ġurija.

**17**. Jingħad biss illi hemm distinzjoni netta bejn l-użu li l-investigaturi jagħmlu ta' informazzjoni li tiġi mgħoddija lilhom u li tista' tixpruna xi investigazzjoni u l-

involviment dirett ta' persuna jew persuni li jkunu fornew dik l-informazzjoni f'operazzjoni polizjeska li ssir bil-moħbi. Fl-ewwel istanza l-involviment tal-investigaturi fl-eżekuzzjoni tad-delitt investigat tibqa' waħda passiva kuntrarjament għall-involviment dirett u rejali li jseħħ meta ikun hemm dik l-operazzjoni kkontrollata, fejn kważi kważi ikun hemm forma ta' istigazzjoni biex iseħħ id-delitt, u li twassal sabiex is-suspettat jinqabad jikkometti l-att inkriminatorju.

**18**. L-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 fil-fatt jagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi konsenja kkontrollata u jiddeskrivi din il-parteċipazzjoni attiva tal-investigaturi bħala dik it-teknika li *biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża .... jew ta' flus, proprjetà jew rikavat* ***titħalla*** *toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew* ***titħalla*** *tgħaddi minn post jew min għand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew* ***titħalla*** *tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor, intatta, jew imneħħija jew mibdula kompletament jew parzjalment*, liema operazzjoni ssir ***'<u>bil-kunsens u taħt is-sorveljanza</u> tal-Pulizija Eżekuttiva'***, li fit-test Ingliż tal-liġi hija imfissra bħala waħda li ssir ***'<u>with the knowledge</u> and under the supervision of the Executive Police'***.

**19**. Illi din id-definizjoni tinsab ukoll fil-*1988 UN Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* riprodotta ukoll fil-*2000 UN Convention against Transnational Organised Crime* fejn hija hekk definita:

> ***The technique of allowing illicit or suspect consignments of (...) drugs (...) or substances substituted for them, to pass out of, through or into the territory of one or more countries, <u>with the knowledge and under the supervision of their competent authorities</u>, with a view to identifying persons involved in the commission of offences (...)"***

B'din id-diċitura allura l-Qorti tifhem illi jrid ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva fl-operazzjoni u mhux sempliċement sorveljanza minn naħa tagħhom fuq suspettat aġir inkriminatorju, għaliex altrimenti għal kull operazzjoni investigattiva jkun jenħtieġ l-awtorizazzjoni tal-Maġistrat jew inkella tal-Avukat Ġenerali.

**20**. Illi mix-xiehda tal-Ispettur Jonathan Cassar u tal-Ispettur Kevin Pulis jidher illi l-Pulizija kienet irċeviet xi informazzjoni li seta' kien ser isir xi skambju ta' droga f'post partikolari li beda jiġi sorveljat mill-pulizija. Meta l-pulizija innuttaw xi movimenti suspettużi huma bdew insegwiment ta' vettura u tal-persuni involuti sakemm fl-aħħar waslu sabiex interċettaw vann b'konsenja għamara antika li dehrilhom kienet suspettuża. Dan twaqqaf u minn tfittxija li saret instabet id-droga u minnufih ġie infurmat il-Maġistrat Inkwirenti. Illi minn daqqa t'għajn lejn dawn il-provi ma jidhirx illi l-pulizija kellhom xi involviment dirett fl-eżekuzzjoni ta' din l-operazzjoni għajr li huma rċevew informazzjoni u mxew fuqha, billi għamlu sorveljanza u wara insegwiment sakemm waslu biex jaqqbdu il-malvivent jew il-malviventi involuti.

**21**. Magħdud dan madanakollu, il-fatti kollha li waslu għal din l-operazzjoni tal-Pulizija iridu jemerġu, kif ingħad, waqt il-ġuri u ma jistgħux ikunu determinati minn qabel mill-Qorti għaliex altrimenti ikun qed isir apprezzament tal-provi, manzjoni li għandha tkun riposta unikament f'idejn il-ġurija. Issa jekk b'dawn il-fatti, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, kienx jenħtieġ illi din ssir bl-awtorizazzjoni tal-Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali kif hemm maħsub fl-artikolu 30B tal-Kapitolu 101, hija kwistjoni li trid tkun determinata mill-provi, bl-Imħallef imbagħad jagħti dawk id-direzzjonijiet opportuni lil ġurija fl-indirizz finali. Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti ma tista' ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali dwar din l-eċċezzjoni u għalhekk l-aggravju tal-appellant marbuta mal-istess qed ikun miċħud.

C. **L-Att ta'l-Akkuża ma tindikax dawk il-provi favur l-persuna akkużata**.

**22**. Illi dan l-aggravju huwa marbut ma'l-ewwel aggravju fejn l-appellant joġġezzjona għal darb'oħra għal fatt illi l-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuża ma jsemmiex fatti li huma favorevoli għalih sabiex b'hekk l-ġurati ma humiex ser ikollhom stampa ċara u kompluta ta' dak li seħħ. Illi għalkemm il-Qorti

diġa' għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-ilment li l-appellant qed jerġa' ittenni f'dan l-aggravju, jingħad madanakollu illi minn qari ta'l-istess u anke minn dak deċiż mill-Qorti Kriminali jidher illi din il-lanjanza hija msejsa fuq il-fatt illi l-Avukat Ġenerali ma ndikax fil-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuża dak minnu dikjarat fejn innega illi huwa kellu xi ftehim mal-ko-akkużat Tomislav Hegedus sabiex tiġi traffikata d-droga. Huwa tal-fehma illi dan il-fatt probatorju, li l-Avukat Ġenerali jommetti milli jsemmi, jwassal sabiex ir-reat ta'l-assoċjazzjoni kif rifless fl-Ewwel Kap ma jissussistiex.

**23.** Iddeċidiet hekk il-Qorti Kriminali fuq dan il-punt u dan wara li għamlet esposizzjoni ta' dritt fir-rigward tal-elementi li jsawwru r-reat ta'l-assoċjazzjoni:

> **26. Mill-atti kumpilatorji jirriżulta kif CATANIA kien preżenti flimkien ma' Hegedus fid-diversi postijiet madwar Malta li jissemmew fin-narrativa tal-Avukat Ġenerali bħala parti mill-pjan li skont l-Avukat Ġenerali kien miftiehem bejnithom fil-konsenja tas-sustanzi illeċiti li saret fit-30 ta' Ġunju 2018. Jirriżulta li l-vettura Isużu KAB 361 li fuqha nstabet kwantita' ta' sustanza illeċita kienet ġiet interċettata f'mument fejn kienet misjuqa minn l-akkużat CATANIA. L-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża għalhekk jissodisfa l-kriterji minimi rikjesti mill-Liġi.**
>
> **27. Issa mbagħad jekk CATANIA ikkommettiex l-atti materjali li meħudin flimkien mal-element formali li jwasslu għar-reat ta' assoċjazzjoni ai fini ta' traffikar ta' droga hija kwistjoni rimessa lil ġurati wara li dawn ikunu semgħu l-provi kollha.**

**24.** Illi anke hawnhekk l-appellant m'għandux raġun f'din l-impunjattiva. Dan għaliex, kif tajjeb irrimarkat il-Qorti Kriminali, l-parti narrattiva tal-Ewwel Kap tindika illi kien hemm ftehim pre-ordinat bejn l-appellant u dan Hegedus sabiex tkun traffikata id-droga. L-appellant jiċħad li kienet teżisti din il-konġura, iżda dwar jekk huwa għandux jkun emmnut f'din l-affermazzjoni tiegħu hija mansjoni li titħalla f'idejn il-ġurati u dan meta huwa jressaq id-difiżi tiegħu għal konsiderazzjoni tal-ġurija. Dak dikjarat mill-persuna akkużata, jew inkella dak li x'aktarx ser tkun id-difiża mressqa minnu, mhux dejjem ikunu a konoxxenza tal-Avukat Ġenerali meta jiġi biex jirrediġi l-Att ta'l-Akkuża, u żgur u mhux forsi, illi dak dikjarat mill-akkużat lanqas ma jkun

rifless, u m'għandux ikun rifless, fil-parti narrattiva tal-akkuża fuq kollox b'rispett sħiħ lejn id-dritt tas-silenzju li jgawdi kull persuna akkużata b'reat kriminali. Dak allura li qed jipprospetta l-appellant f'dan l-aggravju ma għandu ebda bażi fid-dritt u qed ikun miċħud.

**D. <u>L-Istqarrijiet rilaxxati mill-appellant</u>**

**25.** Illi mal-arrest tiegħu l-appellant jirrilaxxja stqarrija fit-30 ta' Ġunju 2018, liema stqarrija hija kkonfermata bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti fl-1 ta' Lulju 2018. Dawn iż-żewġ stqarrijiet huma eżebiti fl-atti kumpilatorji. Illi l-appellant qiegħed iqanqal l-inammissibbilita' ta' din il-prova magħmula permezz tal-istqarrijiet minnu rilaxxati fuq żewġ premessi, u ċioe' fl-ewwel lok jindika illi ma kienx fi stat ta' saħħa mentali tajba meta rrilaxxa l-istess għaliex kien qed ibati minn *withdrawal symptoms* konsegwenza tal-vizzju tad-droga li huwa maħkum minnu, u fit-tieni lok għaliex ma kienx imfisser lilu b'mod ċar l-implikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta huwa għażel li jikkopera mal-investigaturi fl-investigazzjoni.

**26.** Qalet hekk l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

> **38. ............ Apparti minn hekk f'dan il-każ jirriżulta wkoll li l-akkużat ma kienx xi minorenni jew xi persuna vulnerabbli jew novizz għad-delinkwenza. Sas-sena 2018 CATANIA kien diġa xellef idejh mal-ġustizzja diversi drabi u l-fedina penali tiegħu ma kinetx waħda nadifa. Din il-Qorti tqis ukoll li fl-ebda mument waqt il-proċeduri kriminali istitwiti kontra tiegħu huwa ma kkontesta l-valur probatorju ta' din l-istqarrija minnu rrilaxxjata jew attakka l-mod ta' kif din ittieħdet. L-akkużat kien dejjem debitament assistit tul dawn il-proċeduri. Lanqas ma jirriżulta li fil-mument li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija kellu bżonn xi assistenza parikolari bħalma hi assistenza medika u ma ngħatax jew li ma kienx qiegħed jifhem il-portata ta' dak li kien qiegħed jistqarr. Ma jirriżultax ukoll li kellu xi impediment - mentali jew fiżiku jew ta' xorta oħra - li f'dak li mument irrendieh vulnerabbli.**
>
> **39. L-appellant jisħaq li huwa kien qiegħed ibgħati minn withdrawal symptoms. Pero il-prova dwar dan hija nieqsa kompletament. Ma hemm ebda indikazzjoni li, f'xi ħin, kemm meta kien fil-kustodja tal-Pulizija jew meta ttieħed quddiem il-Maġistrati Inkwirenti, huwa kellu xi problema li minħabba fiha ma kienx qiegħed f'siktu jew ma kienx qiegħed jifhem x'kien**

**qiegħed jiġri, jew x'kien qiegħed jiġi mitlub minnu, jew x'kien qiegħed jiġi mistoqsi, jew x'kien qiegħed jiġi deċiż minnu. Anzi, jekk xejn minn natura tad-dikjarazzjonijiet li għamel, kif ukoll minn ċerti kummenti li għadda matul l-interrogatorju tiegħu mill-Pulizija u wara mill-Maġistrat Inkwirenti jirriżulta ċar li l-akkużat mhux biss kien luċidu, iżda wkoll kien konsistenti f'dak li kien qiegħed jgħid. L-anqas ma jirriżulta li lakkużat talab għal xi assistenza medika u din ma ġietx offruta lilu.**

**40. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tqis li l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat nhar it-30 ta' Ġunju 2018 kif ukoll dak kollu li stqarr quddiem il-Maġistrat Inkwirenti nhar l-1 ta' Lulju 2018 ittieħed kontra l-Liġi viġenti dak iż-żmien jew ittieħed b'xi mod irregolari. B'hekk dak mistqarr għandu jitqies bħala prova ammissibbli f'dawn il-proċeduri.**

**41. Illi l-akkużat jilmenta wkoll li huwa ma kienx ingħata d-drittijiet tiegħu skont l-Artikolu 534AB tal-Kodiċi Kriminali. Skont ma jirriżulta minn fol. 122 tal-atti proċesswali, kuntrarjment għal dak li jsostni l-akkużat, il-Pulizija Eżekutiva amministraw lill-akkużat id-drittijiet kollha naxxenti mill-Artikolu 534B(3) tal-Kodiċi Kriminali, l-hekk imsejħa Ittra bi Drittijiet inkluż kwindi d-dritt għall-aċċess ta' informazzjoni u d-dritt li jkun eżaminat minn tabib, fost drittijiet oħra kif ingħad aktar 'il fuq, liema drittijiet huwa jidher li rrifjuta.**

**42. L-akkużat għandu kull dritt li jagħżel jekk jużax dawn id-drittijiet jew le. Huwa ġie mwissi għal iżjed minn darba, minn Uffiċjal Polizjesk u minn Uffiċjal Ġudizzjarju. Kien hemm ukoll intervent ta' ġurnata bejn l-ewwel offerta għal assistenza legali u l-għoti tal-ewwel stqarrija quddiem l-Ispetturi tal-Pulizija, għat-tieni offerta għal assistenza legali u r-rilaxx tal-istqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrati Inkwirenti. Kien huwa stess li għażel, liberament, li jċaħħad lilu nnifsu minn dan id-dritt. Ma hemm ebda evidenza fl-atti kumpilatorji li tindika li l-akkużat ma kienx luċidu fil-mument illi huwa hekk irrinunzja għal dawn id-drittijiet. Anzi, jekk xejn, l-istqarrijiet tal-akkużat jindikaw xort'oħra.**

**27**. Illi l-Qorti iċċitat *in extenso* mis-sentenza appellata għaliex hemm indikat bl-iktar mod ċar dak li seħħ meta l-appellant irrilaxxa ż-żewġ stqarrijiet tiegħu. Jibda sabiex jingħad illi l-emendi fil-liġi konċernanti d-dritt tal-persuna akkużata għall-assistenza legali daħħlu fis-seħħ fis-sena 2016. L-appellant jirrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu fis-sena 2018, preċiżament fit-30 ta' Ġunju u fl-1 ta' Lulju ta' dik is-sena. Huwa ndubitat illi lill-appellant kienu amministrati d-drittijiet kollha tiegħu għal aktar minn darba. Dak li jikkontendi l-appellant huwa li ma kellux il-luċidita' mentali biex jifhem dawk it-

twissijiet għaliex kien qed ibati minn *withdrawal symptoms*, b'mod speċjali lanqas kellu l-għarfien intelletwali sabiex jifhem il-portata ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101, sabiex b'hekk wasal biex jaċċetta jgħin lill-investigaturi.

**28**. Illi l-istadju kumpilatorju għandu l-għan li jesponi b'mod ċar il-provi li jkunu ser jinġiebu 'il quddiem matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u sabiex dawn l-istess provi jkunu preservati u ma jintilfux mat-trapass taż-żmien. Illi bl-istess qies id-Difiża, bħall-Prosekuzzjoni, f'dan l-eżerċizzju hekk imsejjaħ ta' "**discovery**", għandha d-dritt tara li l-provi li hija bi ħsiebha tressaq fil-ġuri jkunu ppreservati u dan qabel ma jkun tard wisq u din il-prova tintilef jew tkun distrutta. Dan huwa il-jedd mogħti fl-artikolu 405(5) tal-Kodiċi Kriminali[1]. Ma jidhirx illi l-appellant għamel użu minn dan il-jedd fl-istadju kumpilatorju, u għalkemm huwa għandu id-dritt iqanqal kwistjoni dwar ammissibbilita' ta' evidenza wara li ħruġ tal-Att ta'l-Akkuża, kif jikkontendi fl-aggravju tiegħu, madanakollu jekk din l-oġġeżżjoni għal din l-evidenza hija msejsa fuq xi prova mhux ikkumpilata allura qajla din il-Qorti tkun tista' tasal biex tagħtih raġun fl-oġġezzjoni tiegħu. L-appellant għalkemm jallega illi huwa kien qiegħed ibati minn xi *withdrawal symptoms* minħabba li kien jabbuża minn xi sustanzi, madanakollu prova dwar dan il-fatt fl-atti ma hemmx u jqajjem din l-allegazzjoni biss issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri. Fuq kollox ma jidhirx illi qabel l-interrogazzjoni l-appellant ilmenta ma'l-investigaturi illi huwa qed iħossu ma jiflaħx, għallinqas prova dwar dan fl-atti ma hemmx. Illi l-artikolu 355AS tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> **(1) Il-persuna suspettata jew il-persuna akkużata għandha, <u>fuq talba tagħha stess</u>, tkun tista' tikkonsulta ma' tabib tal-għażla tagħha u, jekk it-tabib ma jkunx disponibbli, tikkonsulta ma' xi tabib ieħor.**

---

[1] (5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih qabel ta'dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll meta l-imputat ikun jixtieq li jeżamina jew li jerġa' jeżamina. F'dan il-każ, it-talba għandha tiġi komunikata lill-Avukat Ġenerali. Il-qorti għandha mbagħad tordna li l-Avukat Ġenerali jew il-Kummissarju tal-Pulizija jiġu nnotifikati bil-ġurnata li fiha għandhom jinstemgħu x-xhieda sabiex huma jew uffiċjal ieħor tagħhom ikunu jistgħu, jekk iridu, jidhru u jagħmlu kontro-eżami lix-xhieda

> **(2) Minnufih malli jseħħ l-arrest u mingħajr ebda dewmien, il-Pulizija Eżekuttiva jew kwalunkwe awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jinfurmaw lill-persuna suspettata jew lill-persuna arrestata dwar dan id-dritt.**
> **(3) Għandu jinżamm rekord li l-persuna suspettata jew il-persuna akkużata ġiet infurmata dwar dan id-dritt mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn kwalunkwe awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew minn awtorità ġudizzjarja.**

**29**. Issa ma hemm ebda prova fl-atti li tindika illi mal-arrest tiegħu l-appellant talab għall-assistenza medika. Imbagħad mill-istqarrija tiegħu jirriżulta illi qabel bdiet l-interrogazzjoni l-appellant kien mogħti d-drittijiet kollha skont il-liġi. Igħidlu hekk l-Ispettur Jonathan Cassar lill-appellant:

> **"Mela, Fabian, tikkonferma li mal-arrest tiegħek int ġejt mogħti d-drittijiet tiegħek bħala arrestat kif ukoll ġejt mogħti d-debita twissija li dak kollu li tgħid jista' jinġieb bi prova kontrik u m'intix obbligat li titkellem?"**

U l-appellant iwieġeb:

> **"Iva, nikkonferma."**

U wara dan l-Ispettur jerġa għal darb'oħra jagħtih it-twissija. Illi l-għada meta l-appellant jikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti huwa għal darb'oħra jerġa' jiġi mogħti id-dritt li jkun assistit legalment u jerġa' lilu jkun mistqosi jekk huwa ngħatax id-dirttijiet kollha mill-Investigaturi qabel irrilaxxja l-istqarrija lilhom. U l-appellant jerġa' ttenni li huwa ngħata dawn id-drittijiet u li irrifjuta d-dritt għall-assistenza legali.

**30.** Illi minn dawn il-fatti probatorji għalhekk jemerġi kwadru fejn mhux biss l-investigaturi, iżda ukoll il-Maġistrat, wissew lill-appellant għal iktar minn darba dwar id-dritt tiegħu għas-silenzju u d-dritt illi jikseb l-assistenza ta' avukat. Ma jidhirx illi f'dawn l-okkazzjonijiet l-appellant ma kienx qed jifhem dak li kien qed jingħad, u iwieġeb b'mod preċiż u ko-erenti sabiex il-Qorti, bħal Qorti Kriminali qabilha, hija tal-fehma illi l-appellant kien orjentat, qed jifhem dak li qed jiġri, u wieġeb b'mod luċidu u ko-erenti għal kull mistoqsija li saritlu. Dan jista' jkun determinat fuq kollox mir-reġistrazzjoni awdjo-viżiva li saret tal-istqarrija tiegħu.

**31**. Illi jidher ukoll illi l-Maġistrat Inkwirenti fissritlu fi kliem sempliċi illi jekk huwa jagħżel li jikkopera fl-investigazzjonijiet ikun jista' jibbenifika minn riduzjoni fil-piena, iżda tennietlu għal darb'oħra illi għalkemm hemm dan il-benefiċċju dan ma jeradikax mid-dritt tiegħu għas-silenzju. Tgħidlu hekk l-Inkwirenti:

> **"Maġistrat Inkwirenti: Navżak ukoll illi skont il-liġi f'każijiet bħal dawn min jikkopera u jwassal biex jittieħdu proċeduri b'eżitu pożittiv kontra terzi persuni, kontra ħaddieħor jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena.**
>
> **Fabian Catania: OK**
>
> **Maġistrat Inkwirenti: All right? Pero inti dejjem għandek id-dritt li ma tweġibx mistoqsijiet jekk taħseb li ħa tinkrimina lilek innifsek twaqqa' l-ġebla fuq saqajk."**

**32**. Illi l-QEDB dejjem saħħqet illi ir-rinunzja volontarja għall-assistenza legali trid tirriżulta illi saret b'mod informat u intelliġenti u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi ta' tali rifjut

> ***78. The Court considers that the right to counsel, being a fundamental right among those which constitute the notion of fair trial and ensuring the effectiveness of the rest of the foreseen guarantees of Article 6 of the Convention, is a prime example of those rights which require the special protection of the knowing and intelligent waiver standard. It is not to be ruled out that, after initially being advised of his rights, an accused may himself validly waive his rights and respond to interrogation[2]."***

**33.** Illi esposti dawn il-fatti probatorji allura, kif tajjeb stqarret il-Qorti Kriminali, jidher illi dawn l-istqarrijiet saru in konformita' ma' dak li tipprovdi l-liġi. Jidher illi kienet l-għażla libera tal-appellant li jirrifjuta li jkun assistit minn avukat. Kienet l-għażla libera tiegħu ukoll li jassisti fl-investigazzjonijiet wara li kien infurmat saħansitra minn awtorita' ġudizzjarja li jekk jagħmel dan huwa seta' jibbenifika minn riduzzjoni fil-piena. Mhux biss, iżda ma jidhirx illi matul l-interrogazzjonijiet li segwew l-appellant

---

[2] PISHCHALNIKOV v. RUSSIA - (Application no. 7025/04) deċiża 24/12/2009

f'xi ħin biddel fehmtu, irrinunzja għal din ir-revoka tal-jedd tiegħu u talab lil pulizija li jkun assistit minn avukat. Kif lanqas jirriżulta illi f'xi ħin matul dawn l-interrogazzjonijiet huwa indika li kien qed iħossu ma jiflaħx jew talab l-assistenza ta' xi tabib. Għal dawn il-motivi, u għal motivi miġjuba fis-sentenza appellata, dan l-aggravju qed ikun miċħud.

E. **<u>L-inammissibbilita' tal-istqarrija ta' Tomislav Hegedus</u>**.

**34**. L-appellant joġġezzjona għal prova li ser issir permezz tal-istqarrija jew dikjarazzjoni magħmula mill-ko-akkużat Tomislav Hegedus, li qed jiffaċċja proċeduri kriminali separati fuq l-istess każ, billi jqies illi jkun perikoluż ferm li l-ġurati jistrieħu fuq dak dikjarat mill-kompliċi li jkun qed jipprova jixħet ir-responsabbilta' penali fuqu, tali li jirrendi din l-evidenza bħala inattendibbli. Jitlob għalhekk illi kwalsiasi deposizzjoni mogħtija minn Tomislav Hegedus tiġi sfilzata mill-atti.

**35**. Illi l-Avukat Ġenerali jilqa' għal din l-eċċezzjoni meta jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti illi fl-atti ma jirriżultax illi Tomislav Hegedus irrilaxxa xi xiehda ġuramentata u li allura hemm din il-prova li l-appellant qed joġġezzjona għaliha, għalkemm l-imsemmi Hegedus huwa indikat bħala xhud fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża.

**36.** Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk fuq dan il-punt wara li ċċitat *in extenso* il-ġurisprudenza in materja dwar ix-xiehda tal-ko-akkużat b'mod speċjali f'dawk il-każijiet li jaqgħu taħt il-liġi speċjali tad-droga, u li huma rregolati b'dak li jiddisponi l-artikolu 30A:

> **51. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tirrileva li d-dritt penali tagħna huwa msejjes fuq is-segwenti prinċipji:**
> **i) Bħala regola fi proċeduri meħuda għall-ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa possibbli li ko-akkużat jagħmel konfessjoni li tkun ta' preġudizzju għal koakkużat ieħor; u tali xhieda hija ammissibbli u valida meta magħmula skont id-dettami tal-Artikolu 30A tal-imsemmi Kapitolu;**

**ii) Dik ix-xhieda hija ammissibbli allavolja meta ssir huwa jkun għadu meqjus bħala ko-akkużat in kwantu l-proċeduri kontra tiegħu jkunu għadhom sub-judice;**
**iii) Dan il-ko-akkużat jista' ma jkunx xehed fl-istadju talkumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja dment li l-proċeduri li jkunu ttieħdu fil-konfront tiegħu jkunu għadhom pendenti kontra tiegħu u dan sabiex ma jinkriminax ruħu.**
**iv) B'dan ma jkunx ifisser li dan il-ko-akkużat ma jistax jinġieb biex jixhed iżjed 'il quddiem meta l-proċeduri fil-konfront tiegħu jkunu saru definittivi. U b'dan ma jfissirx li x-xhieda tiegħu mogħtija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti tkun inammissibbli flimkien ma' kull stqarrija hekk magħmula ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**
**v) L-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma joperax bħala deroga mir-regoli sanċiti fl-Artikoli 636(b) u 646(1) tal-Kodiċi Kriminali rispettivament.**
**vi) Il-proviso tal-Artikolu 646(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jsibx applikazzjoni fil-każ ta' xhud li jagħmel stqarrija ai termini talArtikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**37**. Issa għalkemm il-Qorti hija konkordi ma' din l-esposizzjoni ta' dritt regolanti ix-xiehda tal-ko-akkużat f'kawzi li jaqgħu taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu hija perplessa kif l-appellant qanqal din l-eċċezzjoni, u issa qed iressaq l-ilment għal darb'oħra quddiem din il-Qorti, meta minn eżami tal-atti ma jirriżultax illi Hegedus iddepona fil-proċeduri kontra l-appellant, jew inkella li hemm xi xiehda ġuramentata eżebita in atti ta' dan Hegedus, bl-Ispettur Anthony Scerri fix-xiehda tiegħu quddiem l-Istruttur jindika illi meta interrogat dan Hegedus ma wieġeb għal ebda mistoqsija li saritlu, kif kellu kull dritt illi jagħmel. Fuq kollox, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu għall-appell, Tomislav Hegedus lanqas ma hu indikat fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża biex b'hekk sabiex ikun jista' jiddeponi dan ix-xhud il-Prosekuzzjoni trid tressaq talba għaldaqstant quddiem il-Qorti Kriminali u tikseb il-permess speċjali tal-Qorti fit-termini ta'l-artikolu 406 u/jew l-artikolu 440(3) tal-Kodiċi Kriminali, jew inkella l-Qorti teżerċita is-setgħat tagħha fit-termini ta'l-artikolu 436(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali li b'mod assolut u komprensiv jagħtiha diskrezzjoni wiesgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha li hu meħtieġ għat-tikxif tal-verita'. Iżda llum għadhom ma avverawx rwieħhom ebda waħda minn

dawn iċ-ċirkostanzi ravviżati fil-liġi u kwindi l-eċċezzjoni tal-appellant fir-rigward hija għal kollox intempestiva.

> **Dan ifisser għalhekk li jekk l-Avukat Ġenerali, wara li jkun ippreżenta l-lista tax-xhieda tiegħu jkun naqas milli jsemmi xhud li jkun bi ħsiebu jressaq biex jixhed fil-Ġuri, l-ewwel ħaġa li jrid jagħmel sabiex dan ix-xhud ikun jista' jiġi prodott jixhed fil-Ġuri huwa li jagħmel talba għall-permess speċjali tal-Qorti Kriminali sabiex dax-xhud ikun jista' jiġi ammess fil-lista tax-xhieda tiegħu. Altrimenti ma hemm ebda mod kif dax-xhud ikun jista' jinstema' la mill-Qorti Kriminali u l-anqas mill-Qorti tal-Maġistrati. Ġaladarba dan ix-xhud ikun ġie omess minn nota tax-xhieda ta' dik il-parti rispettiva, l-artikolu li jieħu preċedenza fl-applikazzjoni huwa l-artikolu 440(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu jipprovdi speċifikament għall-konsegwenza ta' dik l-omissjoni. B'hekk dik il-parti tkun trid qabel xejn tagħmel it-talba tagħha fis-sens tal-artikolu 440(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali[3].**

**38.** Illi dan ifisser illi l-ilment tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u bil-fatt illi l-proċeduri kriminali li hemm fil-konfront tiegħu imxew kontestwalment ma' dawk ta' Tomislav Hegedus ma jfissirx illi l-provi fil-każ ta' wieħed jiswew fil-konfront tal-ieħor u *vice versa*, u dan għaliex l-ġurijiet fil-konfront tiegħu u ta' Hegedus se jkunu ċċelebrati b'mod separat, bil-komposizzjoni tal-ġurija għalhekk tkun differenti wkoll. Għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**F. <u>L-Inammissibbilita' ta' dawk l-istqarrijiet li l-appellant għamel verbalment waqt l-investigazzjonijiet tal-pulizija</u>.**

**39**. L-appellant joġġezzjona illi jinġiebu bħala provi kwalunkwe dikjarazzjoni verbali li huwa seta' tenna lil investigaturi u dan fil-mument meta huwa ma kienx għadu mogħti d-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Ma jaqbilx mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti Kriminali meta din kienet tal-fehma illi l-appellant kien ingħata it-twissija skont il-liġi qabel ma huwa kien mitkellem u huwa tal-fehma illi mill-provi ma joħroġx ċar f'liema mument fil-kors tal-investigazzjoni ingħatat din it-twissija.

---

[3]Digriet Qorti Kriminali Ir-Repubblika ta' Malta vs Bernice Camilleri per. Onor. Imhallef Aaron Bugeja deċiż 10/05/2021

**40**. Il-Qorti Kriminali stqarret hekk fis-sentenza appellata:

> **60. Biss, fil-każ in diżamina mix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar tirriżulta stampa differenti minn dik fil-kawżi Gatt u Micallef. F'paġna 16 tal-atti proċesswali, l-Ispettur Jonathan Cassar jixhed hekk:**
> **Waqt is-search Fabian Catania li kien diġa' ngħata l-caution u d-drittijiet tiegħu, mill-ewwel kien ta indikazzjoni li jixtieq jikkopera u mill-ewwel indika lil Tomislav Hegedus bħala l-mittent tiegħu, bħala l-bniedem li kien bgħatu bix-xogħol.**
>
> **61. Għalhekk din fil-każ tirriżulta sitwazzjoni simili fis-sustanza għall-dak trapelat fil-kawża Aiello fejn il-kwistjoni mhix daqstant li CATANIA għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji fl-assenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu għaliex ma kienx offrut id-dritt għall-assistenza legali daqskemm li dan id-dritt li kien ġie offrut lilu kien ġie rifjutat mill-akkużat stess volontarjament u għażel li jagħmel stqarrijiet fl-assenza tal-avukat sempliċiment għaliex hu stess għażel li ma jikkonsultax jew iġib avukat miegħu meta ġie biex jagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet. Għalhekk, din il-Qorti ma tqis li dawn l-istqarrijiet – li saru in linja mal-liġi viġenti ta' dak iż-żmien – għandhom jiġu skartati bħala inammissibbli.**

**41**. Illi minn eżami tax-xiehda kemm tal-Ispettur Jonathan Cassar kif ukoll tal-Ispettur Kevin Pulis jirriżulta illi hekk kif l-appellant ġie imwaqqaf mill-pulizija bil-vann li kien qed isuq u bdew isiru t-tfittxijiet fl-imsemmi vann, l-appellant kien mogħti it-twissijiet skont il-liġi. Dan il-fatt jista' jkun ikkonfermat matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri kemm minn dawn iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed imexxu din l-operazzjoni investigattiva, kif ukoll mill-membri l-oħra tal-pulizija li kienu qed jassistu fl-istħarriġ. F'dan l-istadju inizjali tal-investigazzjoni l-appellant mal-ewwel indika lil Tomsilav Hegedus bħala il-kompliċi tiegħu u wera li xtaq jikkopera mal-pulizija, tant illi aktar tard meta ġie biex jirrilaxxja l-istqarrija tiegħu huwa fil-fatt kompla b'dan l-istess ħsieb u saħansitra ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament quddiem l-Inkwirenti. Ma jistax jingħad għalhekk illi l-appellant tenna xi kliem lil pulizija waqt l-investigazzjonijiet li ma kenux koperti bit-twissija. Fi kwalunkwe każ dan il-fatt jista' jemerġi biss matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta l-appellant ikollu l-opportunita' li jisma' x-xiehda tal-uffiċjali tal-pulizija kollha li kienu involuti fl-investigazzjoni u li jagħmlilhom dawk il-

mistoqsijiet kollha li jidhirlu pertinenti sabiex jistabbilixxi dan il-fatt. Illi dak sottomess f'dan l-aggravju huwa ibbażat għal kollox fuq konġettura, bl-appellant ma jindikax fil-konkret fejn huwa seta' għamel xi affermazzjoni jew dikjarazzjoni meta kien għadu ma ingħatax it-twissija, dan iktar u iktar meta, kif ingħad, mill-provi kkumpilati jidher illi mal-mument illi huwa ġie imwaqqaf minnufih ingħatatlu t-twissija skont il-liġi. Għal dawn il-motivi dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

G. **L-addebitu tar-reċidiva**.

**42**. L-appellant jilmenta illi mill-provi kkumpilati fir-rigward ta' dan l-addebitu ma jirriżultax ippruvat illi huwa jista' jitqies reċidiv skont il-liġi u li l-Qorti Kriminali ma kellhiex il-konfort neċessarju mill-provi kkumpilati sabiex tesprimi ruħha fuq dan il-punt.

**43**. Illi l-Qorti Kriminali stqarret is-sewgenti fuq din l-eċċezzjoni marbuta mal-addebitu tar-reċidiva:

> **65. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-addebitu tar-reċediva fil-konfront tal-akkużat ġie msejjes in bażi għal sentenzi mogħtija mill-Qorti talMaġistrati (Malta) datata 30 ta' Ottubru 2013 (li tinsab esebita a fol 614 tal-atti proċesswali) u oħra datata 8 ta' Frar 2017 (li tinsab a fol 617 tal-atti proċesswali). M'hemmx dubju dwar l-awtentiċita' ta' dawn is-sentenzi esebiti in kwantu t-tnejn li huma ġew iffirmati mid-Deputat Reġistratur bħala vera kopja fotostatika tas-sentenza oriġinali. Lanqas ma jirriżulta dubju dwar l-identita' tal-akkużat CATANIA għaliex il-partikolaritajiet tal-isem u tal-karta tal-identita' jaqblu ma' dawk tal-akkużat fil-kawża in diżamina. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-akkużat ma tistax tintlaqa' minħabba r-raġuni li qiegħed jagħti huwa fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu.**
>
> **66. In kwantu għall-kriterju elenkat (vi), din il-Qorti tqis li jkun prematur li jiġi investigat jekk is-sentenzi li abbażi tagħhom qiegħed jissejjes l-addebitu tar-reċediva sarux definittivi jew le. Din hija kwistjoni ta' prova li trid tiġi deċiża jekk u meta jkun il-każ in bażi għal dawk il-provi li jkunu jistgħu jitresqu fl-istadju opportun. Kien jispetta lil Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha fl-istadju istruttorju u tindika lil dawk ix-xiehda li tkun bi ħsiebha tressaq matul il-kors tal-ġuri biex tipprova l-akkużi u l-addebiti tagħha bi provi ammissibbli li jissodisfaw il-livell ta' suffiċjenza probatorja inkombenti fuq il-Prosekuzzjoni.**

> **67. Jekk il-Prosekuzzjoni naqset jew tonqos li tressaq dawk il-provi fl-istadju opportun, allura trid l-konsegwenzi naturali għall-akkużi jew addebiti tagħha, huma prevedibbli. Biss, din il-Qorti tirreżerva li tipprovdi fl-istadju opportun jekk u meta tkun imsejħa tagħmel dan fl-istadju opportun tal-proċeduri**

**44.** Illi jibda biex jingħad illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma jistax jinġieb a konjizzjoni tal-ġurati l-addebitu tar-reċidiva qabel ma jingħata l-verdett finali dwar l-akkużi li dwarhom l-persuna akkużata tkun giet mixlija. Dan isir biss wara tali verdett, u allura kull kwistjoni jew prova ta' fatt marbuta ma' dan l-addebitu għandu jkun imressaq għad-deċiżjoni tal-ġurati wara li jingħata tali verdett li neċessarjament irid ikun wieħed ta' ħtija. Illi huwa f'dan l-istadju, wara li l-Prosekuzzjoni tressaq il-provi fir-rigward, il-ġurati jiġu ggwidati mill-Imħallef li jkun qed jippresjedi l-ġuri, fejn imbagħad huma jindirizzaw dina l-akkuża finali. Fil-fatt l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi:

> **489: Meta l-liġi, minħabba r-reċidiva, tkabbar il-piena għar-reat li jsir wara, il-kawża għandha titmexxa bħallikieku fl-att tal-akkuża ma kienx hemm miġjub li, qabel, l-akkużat kien ġie misjub ħati u ikkundannat; u m'għandux jingħad lill-ġuri li l-akkużat kien ġie qabel misjub ħati u ikkundannat, ħlief wara u jekk il-ġuri jkun iddikjara l-akkużat ħati ta' dan l-aħħar reat.**

**45.** Illi fl-insenjament mogħti mill-Qorti Kriminali f'digriet tas-27 ta' April 2009 fl-ismijiet *ir-Repubblika ta' Malta vs Gamil Abu Bakr* ingħad illi:

> **"Id-decizjoni jekk l-akkuzat - una volta misjub hati - hux recidiv jew le ghall-fini tal-artikolu 49 u 50 jew xi wiehed biss minn dawn l-artikoli, hija decizjoni ta' fatt li tispetta biss lill-gurija w dana wara li jkunu taw verdett ta' htija kontra l-akkuzat u b' verdett separat, stante li kif jiddisponi l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali, meta l-ligi, minnhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara, l-kawza ghandha titmexxa bhallikieku fl-att ta' l-akkuza ma kienx hemm migjub li, qabel, l-akkuzat kien gie misjub hati w ikkundannat u m'ghandux jinghad lill-guri li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati w ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri ikun iddikjara l-akkuzat hati tal-ahhar reat. In osservanza ta' din id-dispozizzjoni l-prassi minn dejjem kienet li l-Imhallef li jippresjedi l-guri, wara verdett ta' htija w wara li jinqara lill-gurati l-addebitu tar-recidiva ghall-ewwel darba w jingiebu l-provi dwar ir-recidiva - fejn dan l-addebitu ikun kontestat mill-akkuzat - u wara sottomissjonijiet**

**mill-avukati, jindirizza mill-gdid lill-gurati w "inter alia" jispjegalhom il-punti ta' dritt li jkunu jirregolaw l-applikazzjoni tar-recidiva, mbaghad jitlobhom jirtiraw mill-gdid biex jaghtu verdett ulterjuri dwar l-addebitu tar-recidiva kontenut fl-Att ta' l-Akkuza.**

**Ghalhekk jekk il-Qorti, kif issa komposta, b' Imhallef togat biss, tiddeciedi hi jekk l-addebitu tar-recidiva jirrizultax f' dan il-kaz, tkun qed tuzurpa l-funzjoni tal-gurija li hi biss kompetenti li tiddeciedi dan wara li tigi "properly addressed" mill-Imhallef togat fl-istadju oportun u cioe' wara li u jekk ikun hemm verdett ta' htija kontra l-akkuza.**

**Konsegwentement f' dan l-istadju din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tesprimi ruha w tiddeciedi jekk it-termini kontemplat fl-artikolu 50 skadiex jew le f' dan il-kaz u tista' tirrizerva li taghmel dan biss waqt xi indirizz ulterjuri lill-gurati fl-istadju opportun jekk u wara li jkun hemm xi verdett ta' htija.″**

**46**. Illi jikkonsegwi illi mhijiex fis-setgħa la ta′ din il-Qorti u lanqas tal-Qorti Kriminali qabilha tqies jekk il-provi kkumpilati fir-riwgard tal-addebitu tar-reċidiva jissodisfawx il-vot tal-liġi billi din għandha tkun rimessa għal ġudizzju tal-ġurija u dan wara li jingħata il-verdett fuq l-akkużi addebitati lill-persuna akkużata ovvjament jekk dan ikun verdett ta′ ħtija. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex jitkompla is-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**